FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA’ NHAR ID-9 TA’ FRAR 2001

PULIZIJA
SPETTUR PATRICK SPITERI
VS
LOUIS CARUANA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Louis Caruana ta’ 44 sena bin il-mejta Carmelo u Carmela nee Farrugia, imwieled u residenti LouCarm, Vjal l-Indipendenza Zurrieq ID166056M talli bejn is-17 ta’ Frar 1972 u t-2 ta’ Marzu 1996 fiz-Zurrieq, wara inzul ix-xemx b’diversi azzjonijiet maghmulinfi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u gew maghmulin b’risoluzzjoni wahda, b’mezzi qarrieqa li bihom seta kellu l-uzu jew konsum illegittimu tal-kurrent elettriku fl-ammont ta’ Lm174.72 centezmu mill-fond Lou Carm, Vjal l-Indipendenza, bhala detentur, jew persuna li ghandha fil-pussess ta’ dan il-fond, fejn ikun instab dan il-ksur jew mezzi qarrieqa, ghandha l-pussess ta’ dan il-fond, fejn jkun instab dan il-ksur jew mezzi qarrieqa, ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq hu aggravat, bil-mezz, hin u ammont.

Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamel hsara fil-fili jew ikkaguna telf ta’ kurrent elettriku, u ghamel hsara jew kisser xi parti mill-meter jew sigilli ta’ xi meter jew parti minn apparat jew gumni uzati fil-provista tal-elettriku, jew sigilli tieghu.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tad-9 ta' Frar 2001 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 261, 267, 270, 278, 279, 280 tal-kap 9 u Art 9 tal-kap 152 u tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.